MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2013

Avviz Numru. 35/2011

**Kevin Attard**

**vs**

**MCE Limited u V. Attard (Works) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat minn Kevin Attard nhar it-2 ta' Frar 2011 fejn ippremetta is-segwenti:

1. "*Illi permezz ta' rikos pprezentat fil-21 ta' Mejju 2010 is-socjeta' MCE Limited talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkundanna lill-esponenti, f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' V. Attard (Works) Limited, ihallasha l-ammont ta' sitt elef disa' mija wiehed u hamsin Ewro u sebgha w disghin centezmu (€6951.97) rapprezentani bilanc minn somma akbar ta' sebat elef disgha mija wiehed u hamsin Ewro u sebgha u disghin centesmu (€7,951.97) rapprezentanti prezz ta'*

*armoured cable mibjugh u kkonsenjat lilu fuq inkarigu tieghu stess, bl-ispejjez kollha inkluz ta' l-ittra ufficcjali tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' April 2010 u tal-mandat ta' sekwestruipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv kontra l-esponenti.*

2. *Illi permezz ta' sentenza moghtija fl-erbgha (4) ta' Novembru 2010 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tas-socjeta' MCE Limited u kkundannat lill-esponenti jhallas lis-socjeta' MCE Limited is-somma ta' sitt elef disa' mija wiehed u hamsin Ewro w sebgha u disghin centezmu (€6,951.97) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi, u cioe mit-28 ta' April 2010.*

3. *Illi hemm lok ghat-thassir ta' din is-sentenza u ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza billi l-att promotur ma giex notifikat skont il-ligi lill-esponenti, u billi huwa qatt ma deher fis-smiegh tal-kawza.*

4. *Illi mill-atti jirrizulta illi l-att promotur intbaghat fil-fond immarkat bin-numru 398 fi Triq San Tumas, Tarxien. Dan l-indirizz huwa is-sede registrat tas-socjeta V. Attard (Works) Limited, u inghata f'idejn Michelle Portelli. Dan kollu jirrizulta mir-riferta.*

5. *Illi Michelle Portelli fiz-zmien tal-konsenja ta' l-att promotur, kienet impjegata mal-kumpanija Southplan (Real estates) Limited, li ghandha s-sede taghha fl-istess fond.*

6. *Illi n-notifika tal-att promotur ma hijiex legali ghaliex ma saritx skond l-Artikolu 187 tal-Kodici tal-Organizazzjoni ta' Procedura Civili billi l-persuna li laqghet din in-notifika ma hijiex persuna li l-ligi tippermetti li tilqa' n-notifika ta' atti gudizzjarji li kellhom jigu notifikati lill-esponenti Kevin Attard fil-vesti tieghu personali.*

7. *Illi ghalhekk hemm lok ghat-thassir tas-sentenza impunjata ai termini ta' l-artikolu 811 (b) ta' l-Artikolui 812 u tal-Artikolu 815 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.*

8. *Illi l-esponenti sar jaf bis-sentenza appellata wara li huwa gie interpellat b'ittra legali tal-hamsa (5) ta' Jannar 2011 ghal hlas ta' dak li gie kanonizzat favur is-socjeta' ritrattanda."*

Illi konsegwentement ghalhekk talab lill-Qorti:-

*1. "Thassar, tirrevoka u tikkancella is-sentenza moghtija minnha fl-4 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet "MCE limited vs Kevin Attard f'ismu proprju u kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali V. Atttard (Works) Limited" (Rikors Numru 187/2010 CSH) u dan a tenur ta' l-artikolu 811 (b), ta' l-Artikolu 812 u ta' l-Artikolu 815 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.*
*2. Tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza imressqa permezz ta' rikors bin-numru 187/2010 fl-ismijiet "MCE limited vs Kevin Attard f'ismu proprju u kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali V. Atttard (Works) Limited"*

*U dan previa kull provediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta MCE Limited, li hija minn issa ingunta in subizzjoni."*

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' MCE Limited pprezentata nhar id-9 ta' Marzu 2011 fejn Ivor Pugliesevich ikkonferma bil-gurament is-segwenti:

*"Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti ghas-segwenti ragunijiet:*

*1. Preliminarjament in-nullita ta' dawn il-proceduri stante illi mhux biss l-okkju tal-kawza ma huwiex l-istess bhal dak tas-sentenza attakkata, izda talli s-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta fil-kawza originali tpoggew it-tnejn bhala konvenuti. Dan ifisser li f'kaz li din il-Qorti kellha tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tghaddi sabiex tisma' l-kawza mill-gdid, l-okkju tas-sentenza finali ma jkunx jirrifletti l-*

*okkju originali u korrett. (Vide sentenza tal-Qorti ta' l-Appell 9/20001 PS* ***Mildred Ferando vs Loris Bianchi et*** *deciza 12.05.2003).*
*2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, illi d-dikjarazzjoni bil-gurament tar-rikorrenti fejn fil-premessi tieghu jghid illi :-*

*'…hemm lok ghat-thassir ta' din is-sentenza u ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza, billi l-att promotur ma giex notifikat skont il-ligi lill-esponenti, u billi huwa qatt ma deher fis-smiegh tal-kawza' –*
*hija dikjrazjoni ghall-kollox inveritiera, intiza biss sabiex tipprova tqarraq b'din l-Onorabbli Qorti u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

*a. Fl-ewwel lok issir referenza ghall-verbal ta' din l-istess Onorabbli Qorti datat 5 ta' Lulju 2010 fil-kawza 197/10CSH (kopja annessa u mmarkata bhala Dok A) fejn waqt l-istess seduta gie registrat illi deher ' Dr. Clayton Fenech ghall-konvenut li informa lill-Qorti li l-flus fil-fatt huma dovuti u li l-klijent tieghu se jaghmel pagament dovut fil-gimghat li gejjin.' (sottolinear tar-rittrattat) prova skjaccanti u inekwivoka mhux biss illi l-konvenut f'dik il-kawza debitament notifikat, tant illi baghat ir-rapprezentant tieghu, izda talli ammetta it-talbiet tal-esponenti.!*

*Mhux hekk biss, talli gustament din l-Onorabbli Qorti taghmel referenza ghall-istess verbal f'pagna 2 tas-sentenza hawnhekk attakkata (Dok A mar-rikors guramentat) u allura hija ghal kollox evidenti l-mala fede tar-rikorrenti meta huwa jghid illi ma giex notifikat u ma deherx fis-smiegh tal-kawza meta proprju baghat lir-rapprezentant legali tieghu sabiex jammetti t-talbiet attrici.! (sottolinear tar-rittrattat).*

*b. Fit-tieni lok jiena nikkonferma bil-gurament tieghi illi fit-22 ta' Ottubru 2010 ossia wara hames xhur min-notifika tal-atti tal-kawza lil Kevin Attard, l-istess Kevin Attard kien cempilli personalment u staqsieni sabiex nibghatlu rendikont li jkopri s-sorte, l-imghax, l-ispejjez legali u tal-Qorit, sabiex ikun jista' jhallashom – prova ohra li turi bl-*

*aktar mod car illi huwa kien notifikat bl-atti tal-kawza. Fis-26 ta' ottubru 2010 jiena kont baghttlu l-ammont minnu mitlub permezz ta' sms fuq tlett numri differnti tieghu ossia 99429462, 77429462 u 79429462. Dawn il-messaggi ghadhom fuq il-mobile tieghi u ghalhekk dak kollu li qed niddikjara prezentement bil-gurament tieghi jista' jigi ppruvat a sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi allura dan kollu ghandu juri bl-iktar mod car u inekwivoku illi dan ir-rikors ghar-ritrattazzjoni huwa fl-ewwel lok ghal kollox qarrieqi u inveritier – ghalkemm guramentat mill-istess Kevin Attard – stante li n-notifika mhux biss saret u kienet effettiva, izda talli l-istess rikorrenti odjern baghat ir-rapprezentant legali tieghu waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2010 sabiex jammetti t-talba u jwieghed il-hlas.*

*Fit-tieni lok, l-istess rikors odjern huwa ntiz biss sabiex jahli l-hin ta' din l-Onorabbli Qorti bi procedura ghal kollox inutili u bla ebda bazi, meta huwa car daqs il-kristall illi l-gudizzju ta' din l-istess Qorti kien wiehed gust u korrett kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u allura ma hemmx lok li jigi sindikat bil-procedura straordinarja ta' ritrattazzjoni.*

*3. Minghajr pregudizzju, irid jinghad ukoll illi r-rikorrenti Kevin Attard ma appellax mis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u qed jittanta jipprevali ruhu mill-procedura ta' ritrattazzjoni L-artikolu 812 tal-Kap 12 huwa car fis-sens illi:-*

*Ir-ritrattazzjoni ta' kawza deciza b'sentenza moghtija minn Qorti ta' l-ewwel grad, u li ghaddiet f'gudikat, tista tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kapijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti ili minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell. (sottolinear tar-rittrattat).*

*Ma hemm ebda dubbju – meta Avukat jippresenta ruhu quddiem il-Qorti u jistqarr kjarament ghan-nom tal-klijent (f'dan il-kaz il-konvenut) illi l-flus mitluba huma dovuta u addirittura aktar minn hekk illi l-klijent tieghu kien ser*

*jaffettwa l-hlas dovut fil-gimghat li gejjin, - ma tistax ma tikkostitwix prova cara u inekwivoka illi l-konvenut kien jaf ben tajjeb fatti u konsegwentement mhux possibbli ghaih li jintavola l-odjerni proceduri.*

*U minkejja illi din id-dikjarazzjoni fil-Qorti saret fil-5 ta' Lulju 2010 u kien hemm anke komunikazjoni telefonika bejn il-konvenut u l-mittenti addirittura f'Ottubru 2010 (aktar minn tlett xhur wara), ukoll sabiex jonora l-obbligi tieghu u jaffettwa l-hlas, il-konvenut ma uzufruwiex ruhu mill-Artikolu 659 tal-Kap 12 – proprju ghaliex huwa evidenti illi huwa kien ser ihallas, u din il-procedura qed issir biss b'tentattiv iehor sabiex jevita l-obbligu tal-hlas wara illi:*

*a. irrilaxxja cekk u ma ssarafx qabel il-ftuh tal-kawza.*
*b. Tkellem ghan-nom tieghu Avukat u ammetta t-talbiet attrici quddiem il-Qorti, u*
*c. Gew skambjati telefonati u smses mal-mittent biex ihallas.*

*U baqa' ma hallasx. Huwa aktar minn evidenti illi r-rikorrenti qed jittenta procedura ohra gudizzjarja biex jipprova jevita l-obbligu tieghu tal-hlas.*

*4. Illi in okltre u minghajr pregudizzju, in ogni caso, it-talba attrici m'ghandhiex tintlaqa' vis a vis s-socjeta' intimata V. Attard (Works) Limited stante illi s-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni tikkostitwixxi res judicata fl-konfront taghha.*

*5. Illi ukoll minghajr pregudizzju s-socjeta' esponenti ma tistax tifhem kif ir-rikorrenti laqa' bhala valida n-notifika ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' V. Attard (Works) Limited, izda qed jikkontesta l-istess notifika f'ismu personali – kontradizzjoni fiha innifisha li fid-dawl ta' dak fuq espost, tkmpli ssahhah it-tezi tal-esponenti dwar il-mala fede tar-rikorrent f'dawn il-proceduri.*

*6. Illi fil-mertu in-notifika tar-rikorrent saret korrettament u ai termini tal-artikolu 187 tal-Kap 12, tant illi deher ir-rapprezentant legali tal-istes rikorrent fis-smeigh tal-kawza*

*u ghalhekk in vista tal-gurisprudenza nostrana li dejjem tishaq illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju u ma jammettix interpretazzjoni estensiva, ir-rikorrent ma ghandux dritt ghar-ritrattazzjoni.*

*7. Salv risposta ulterjuri.*

*8. Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti."*

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw l-eccezzjoni fis-seduta tas-6 ta' April 2011.

Rat is-sentenza preliminari taghha moghtija fl-ismijiet premessi nhar it-28 ta' April 2011.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet premessi nhar is-26 ta' April 2012 fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' MCE Limited u ordnat li l-atti jigu rinvjati quddiem din l-istess Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2012 li l-partijiet ma kellhomx oggezzjoni li din il-Qorti tkompli tisma' l-provi ta' din il-kawza minkejja li kienet diga' hadhet konjizzjoni ta' certu fatti tal-kawza kif rapportati fis-sentenza moghtija minnha nhar it-28 ta' April 2011 fl-ismijiet premessi.

Rat in-nota ta' l-attur ritrattant Kevin Attard kifipprezentata fl-atti waqt is-seduta tal-10 ta' Ottubru 2012 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu.

**Kevin Attard** fl-affidavit tieghu spjega illi huwa kien Direttur fil-kumpanija V. Attard (Works) Limited sa Novembru tas-sena 2010. Kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok KA2 huwa kien irrizenja minn din il-kumpanija. Iddikjara li huwa qatt ma kien gie notifikat bl-avviz tal-kawza fl-ismijiet '**MCE Limtied vs Kevin Attard f'ismu proprju u kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali V. Attard (Works) Limited'**. Dan l-avviz qatt ma ntbaghat lilu personalment, ghalkemm jidher li gie mharrek

personalment. Ghalhekk huwa ma kienx jaf li f’din il-kawza gie mharrek personalment.

Sar jaf li nqatghet sentenza fil-konfront tieghu personalment wara li rcieva ittra legali minghand l-Avukat ta’ MCE Limited, datata 5 ta’ Jannar 2011, kopja esebita u markata bhala Dok KA 3. Din l-ittra kienet fuq ismu, allura is-segretarja fl-ufficcju tal-kumpanija kienet ghaddietha lilu. Minn naha l-ohra hija l-prattika fl-ufficcju li meta kienu jidhlu karti mill-Qorti, l-impjegati tal-kumpanija V. Attard (Works) Limited kienu jaghtu kollox lill-missieru. Dan ghaliex ix-xoghol tieghu ma kienx gewwa l-ufficcju izda kien ikun fuq il-lant tax-xoghol. Ghalhekk ma kienx ikun prezenti fl-ufficcju u fil-fatt lanqas ma kien prezenti meta wasal l-avviz tal-kawza imressqa minn MCE Limited.

Tenna li ma kienx jafx li kien gie imharrek personalment u qal li kieku kien jaf, kien jinkariga avukat biex jiddfendih fil-kawza peress illi huwa ma kellu x’jaqsam xejn man-negozju bejn il-kumpanija MCE Limited u V. Attard (Works) Limited. Billi huwa gie mharrek personalment izda qatt ma gie notifikat personalment huwa tilef id-dritt li jiddfendi ruhu f’dik il-kawza.

L-avukat tieghu infurmah li l-avviz tal-kawza imresqa minn MCE Limited gie notifikat lil certu Michelle Portelli. Din ghamlet zmien qasir impjegata ma’ wahda mill-kumpaniji ta’ missieru u qatt ma kienet impjegata tieghu.

Il-Qorti rat illi fl-14 ta’ Novembru 2012 il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza 187/10 CSH fl-ismijiet ‘MCE Ltd vs Kevin Attard pro et noe’, decizia nhar l-4 ta’ Novembru 2010 flimkien ma’ l-atti ta’ din il-kawza.

**Vincent Attard** xehed fl-14 ta’ Novembru 2012 fejn iddikjara li jokkupa l-kariga ta’ direttur tas-socjeta’ V. Attard Works Limited. Huwa spjega li Michelle Portelli bil-karta ta’ l-identita’ 404883(M) kienet tahdem bhala skrivana ma’ South Plan Real Estate Limited ghal xi erba’ snin. Ix-xhud jokkupa din l-istess kariga ta’ Direttur ukoll mas-socjeta’ South Plan Real Estate Limited.

Ix-xhud esebixxa zewg dokumenti mahruga mill-ETC, li gew immarkati mill-Qorti bhala Dok ETC1 u ETC2 rispettivament u mill-ezami ta’ dawn id-dokumenti jirrizulta ezattament l-impjieg li kellha Michelle Portelli.

Mistoqsi jekk jafx min hu Dr Clayton Fenech, wiegeb li jafu ghax kien qabdu biex jiehu hsieb il-kawza li kellhom kontra MCE Limited. Huwa sar jaf bil-kawza li kellu kontra s-socjeta’ MCE Limited ghax Michelle Portelli ghaddietlu xi karti.

**Igor Puglisevich** xehed fit-13 ta’ Frar 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta’ direttur tas-socjeta’ MCE Limited. Mistoqsi jghid kif jaf lil Kevin Attard wiegeb li effettivament dan kien mar jixtri minn ghandhom cable u fi fatt kellu jhallas *cash sale*. Fil-gurnata meta kienu ser jaghmlu d-delivery kien talbu jekk setghux jaqsmu l-pagamenti minn nofs. Fil-fatt kien tahom zewg cekkijiet, wiehed jissarraf dakinhar stess tad-*delivery* u l-iehor kien *post dated*.

Ix-xhud stqarr li l-ewwel cekk issarraf bla problemi, izda meta marru biex isarrfu t-tieni cekk sabu li kien hemm *stop payment* dwaru. Meta x-xhud staqsa ghaliex kien ghamel dan, Kevin Attard wiegbu li ma kellux flus. Minn dakinhar huwa ghamel xi pagamenti fuq dan ic-cekk pero’ ghad baqa’ bilanc ta’ sitt elef, erba’ mija u wiehed u hamsin ewro u sebgha u disghin centezmu (€6,451.97).

Huwa spjega li kien baghatlu ittra legali u esebixxa kopja taghha li l-Qorti mmarkat bhala dokument Z. In segwitu li huwa rcieva din l-ittra,  fil-fatt kien ghamel pagament akkont. Ix-xhud sostna li t-telefonati ma tantx kien iwegibhom u ghalhekk kien jibghatlu messaggi tramite l-*mobile phone* u dawn kien iwiegeb ghalihom. Ix-xhud esebixxa kopja tal-messaggi li gew skjambjati bejniethom fuq dokument li l-Qorti immarkat bhala dokument X.

Huwa ddikjara li huwa kien jikommunika ma’ Kevin Attard mill-indirizz li kien gie moghti lilhom minnu stess. Ic-cekkijiet li hallas bihom Kevin Attard ma kinux tal-kumpanija, izda trading name f’isem V. Attard Works.

Filfatt ic-cekk kien intestat Vincent Attard u kellu kont imsejjah Attard Works. Filfatt dan kien qal lix-xhud li Vincent Attard kienet persuna li tigi minnu u kien silfu l-flus biex ihallas lix-xhud.

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikros fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2013 fejn l-istess partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Illi f'din is-sentenza il-Qorti mhix ser titratta mal-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti stante li fuq din l-eccezzjoni diga' kien hemm gudikat mill-Qorti tal-Appell fejn l-istess eccezzjoni kienet giet michuda u ghalhekk din is-sentenza tikkoncerna biss il-fatt jekk in-notifika tal-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni (Rikors Numru 187/10CSH <u>MCE Limited vs Kevin Attard pro et noe</u>) kinitx giet notifikata lill-allura konvenuti skond il-ligi.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Illi ir-rikorrenti Kevin Attard qed jibbaza r-ritrattazzjoni fuq il-fatt illi n-notifika ta' l-avviz tas-smiegh tal-kawza ma sarx skond il-ligi ghaliex l-att gie notifikat fl-indirizz 398, Triq San Tumas, Tarxien li huwa l-indirizz tas-sede registrat tas-socjeta' V Attard (Works) Limited u nghata f'idejn Michelle Portelli waqt li l-istess Michelle Portelli kienet impjegata mas-socjeta' Southplan Real Estate Limited li ghandha is-seda fl-istess fond. Ghalhekk jghid li n-notifika ma saritx skond il-ligi billi l-persuna li laqghet din in-notifika ma hix l-persuna li l-ligi tippermetti li tilqa' n-notifika ta' atti gudizzjarjii li kellhom jigu notifikati lill-esponenti Kevin Attard fil-vesti tieghu personali. U li ghalhekk hemm lok ghat-thassir tas-sentenza impunjata ai termini tal-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jghid li huwa sar jaf bis-sentenza in kwistjoni wara li kien ircieva ittra legali datata 5 ta' Jannar 2011 ghall-hlas li gie kanonizzat favur is-socjeta' ritrattanda.

**Kunsiderazzjonijiet legali.**

Illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju (vide Vol. XX1X. 1. 798) u ghalhekk r-regoli li jiggvernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (vide Vol. XV11. 1.227). Illi gie osservat pero' f'sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali illi:

"l-istitut tar-ritrattazzjoni jipprovdi rimedju utilissimu ta' revizjoni ta' sentenza finali, bl-iskop li jigu rettifikati certi zbalji specifikati u evidenti f'gudikati u b'hekk tigi evitata miscarriage of justice u tinstab gustizzja sostanzjali ghallpartijiet" (vide **Leonard Muscat et kontra Onorevoli Prim Ministru**" deciza fil-31 ta' Lulju 2000.

Izda b'dana kollu intqal f'din l-istess decizjoni illi:

"Il-ligi pero tirrestringi dan ir-rimedju ghal certi ragunijiet biss li huma tassattivament elenkati fil-ligi. Barra minn hekk il-ligi timponi certi kundizzjonijiet ghall-ezercizzju tal-istess rimedju li wiehed hu mistenni li josservahom skrupolozament."

Ikkunsidrat.

Jinghad li r-rikorrenti argumenta fit-trattazzjoni orali tieghu illi l-mozzjoni tal-appuntament ma giex notifikat lill-parti telliefa u dik il-parti ma dehritx.

L-Artikolu 814 tal-Kodici tal-Procedura Civili jitkellem dwar jekk ic-citazzjoni tkunx giet notifikata lill-parti telliefa u dik il-parti ma tidhirx u jissottomettu illi n-nuqqas ta' notifika ta' mozzjoni ta' appuntament ghandu l-istess effett bhal nuqqas ta' notifika tac-citazzjoni.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fid-19 ta' Gunju 2001 fl-ismijiet '**Salvina Bugeja vs Paola Azzopardi et'** fejn gie deciz illi :

"Is-**sub inciz (b) tal-artikolu 811** tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili jipprovdi rimedju ghal smiegh mill-gdid tal-kawza fil-kaz fejn "*ic-citazzjoni ma tkunx innotifikata lill-parti telliefa basta li dik il-parti ghad li*

*ma tkunx giet notifikata ma tkunx dehret fis-smiegh talkawza".*

Il-kliem "*ic-citazzjoni ma tkunx giet notifikata" ghandu jikkomprendi necessarjament ukoll in-notifika tal-avviz ghas-smiegh jew in-notifika tal-avviz tar-riappuntament tas-smiegh tal-kawza ghaliex ma kienx hemm dubbju illi dan is-sub inciz kien intiz biex jassigura l-prezenza tal-partijiet fil-kawza u li l-assenza taghhom tkun wahda voluta jew evitabbli*."

Illi dwar kif ghandha ssir notifika ta' kumpanija skond il-Ligi, l-Artikolu 187(1) tal-Kodici tal-Procedura Civili, qabel gie emendat bl-att XX1V tal-1995, kien jghid li n-notifika trid tithalla fost ohrajn ma' persuna fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha.

Illi fiz-zmien in kwistjoni l-artikolu kien l-Artikolu 186 u l-Kapitolu kien Kapitolu 15, dak illi illum huwa il-Kapitolu 12.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet '**<u>Angelo Bartolo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' B & B Construction Limited vs Emanuel Zammit'</u>** tat-30 ta' Marzu 2001, johrog car illi fil-kaz ta' notifika ta' att gudizzjarju lill-korp li ghandu personalita' guridika ai termini tal-Artikolu 187(4) tal-Kap. 12 huwa mehtieg illi kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura setghet issir lill-persuna illi lilha ghandha tkun notifikata jew billi din il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnu biex tircievi il-posta taghha fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha.

Illi fis-sentenza taghha il-Qorti ta' l-Appell kienet qalet hekk:

"*Hu car minn dawn l-artikolu*" (u hawn hekk il-Qorti qeghda tirreferi ghas-**subinciz 2 tal-Artikolu 182 tal-Kap. 12**) illi l-ligi riedet allura li tassigura illi l-kopja tal-att li bih jigu inizzjati proceduri fil-kontenzjuz quddiem il-Qrati kellha tigi notifikata lill-persuna konvenuta. Hu pacifiku li l-persuna tista' tkun wahda fizika jew morali. Kif sewwa rilevat mill-appellant nomine l-**Artikolu 4(d)** tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kapitlu 249) "l-espressjoni persuna" tinkludi "*ghaqda jew korp iehor ta' persuni sew jekk dik l-ghaqda jew il-korp ikunu persuna guridika jew jekk le". Il-persuna konvenuta fil-kaz taht l-ezami kienet allura wahda guridika/morali* …………"

Is-sub-inciz 1 tal-artikolu 187 tal-Kap 12 kif kien fiz-zmien rilevanti gie hekk interpretat minn din il-Qorti: "*Il-Qorti hi tal-fehma li l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi hija ta' natura generali u hija intiza biex tkopri l-kaz ta' notifika sia lill-persuna fizika, sia lill-persuna morali. Dan jidher car ukoll minn nota mariginali li hemm mal-imsemmija dispozizzjoni li tghid ukoll b'mod generali kif isiru n-notifiki. Minn ezami tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi jidher li fl-ewwel parti taghha, d-disposizzjoni qeghda tenuncja r-regola generali li n-notifika ghandha ssir bil-konsenja ta' kopja tal-att lill-persuna li ghandha tkun innotifikata. Imbaghad il-ligi tipprovdi alternattiva ghall-imsemmija notifika billi tikkontempla ghall-finijiet ta' notifika l-kaz fejn il-kopja tal-att jista' jithalla u ma' min jista' hekk jithalla u jiddisponi inter alia li l-kopja tal-att tista' tithalla fil-lok fejn tahdem jew fil-post tax-xoghol ma' persuna li tkun fis-servizz tal-persuna notifikanda jew ma' persuna awtorizzata biex tircievi l-posta tal-persuna notifikanda."*

Il-Qorti ta' l-Appell kompliet tghid illi "*fil-kaz ta' kumpanija kopja ta' l-iskrittura ma tistax tithalla f'idejn membru tas-socjeta' konvenuta in kwantu difficilment wiehed jipprospetta l-possibbilita' li din ikollha familja. L-istess jinghad ghall-possibbilita' li n-notifika ssir f'idejn membru "tad-dar" tal-istess socjeta' konvenuta. Mill-banda l-ohra pero' notifika tista' issir "f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna (socjeta') jew f'idejn il-prokuratur taghha jew anke f'idejn persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha*."

Il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa l-atti tal-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni u cioe tar-rikors Numru 187/10 CSH fl-ismijiet '**<u>MCE Limtied vs Kevin Attard f'ismu proprju u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali V. Attard (Works) Limited'</u>**. Ma hemmx dubbju li ghalhekk is-socjeta' MCE Limited kellha thalli zewg notifiki u cioe' lil Kevin Attard personali kif ukoll lis-socjeta' V. Attard (Works) Limited.

Minn ezami tat-timbru esebit a fol. 4 tergo tal process jirrizulta li l-purtier Joseph Schembri kien innotifika lil Kevin Attard fl-indirizz 398, Triq San Tumas, Tarxien nhar l-1 ta Gunju 2010 kif del resto jirrizulta anke mill-pink card esebita fl-atti fl-istess fol. Fil-pink card jirrizulta u mhux kontestat li l-ufficcjal tal-posta innotifika lil Kevin Attard fil-fond 398, Triq San Tumas, Tarxien fl-1 ta Gunju 2010 u bhala ricevitur hemm il-firma ta' Michelle Portelli.

Illi fil-verbal tal-Qorti tal-5 ta' Lulju 2010 (fol. 5) jidher li Dr Clayton Fenech kien deher fl-atti tal-kawza u ha ruhu notifikat ghan-nom tal-konvenut Kevin Attard u mhux talli hekk, izda kkonferma li l-flus huma dovuti u li l-klijent tieghu kien ser jghamel pagament dovut fil-gimghat li gejjin. M'hemmx dubbju li din l-ammissjoni li d-debitu huwa dovut sar minn avukat li presumilment kien gie imqabbad mill-konvenut Kevin Attard sabiex jidher ghalih. Ma hemmx dubbju li l-avukat ma deherx minn jeddu u ghamel din id-dikjarazzjoni minghajr ma kien hekk awtorizzat ghaliex kieku mhux dawn il-proceduri ghandha quddiemha il-Qorti, izda kawza kriminali fejn dak l-istess avukat qed ikun akkuzat li ghamel dikjarazzjoni falza ghan-nom ta' terz li mhux il-kaz.

Ghalhekk, bhala notifika lil Kevin Attard de proprio ma jidhirx li hemm iktar x'jinghad.

Dwar in-notifika tas-socjeta' V. Attard (Works) Limited il-Qorti trid tara jekk in-notifika li saret ma' Michelle Portelli kinitx wahda valida ghal dan il-ghan jew le. Mhux indubitat li in effetti Michelle Portelli kienet impjegata

bhala clerk mas-socjeta’ Southplan Real Estate Limited fiz-zmien meta saret in-notifika tal-avviz u tar-rikors promotur numru 187/2010 CSH. Ma hemmx dubbju lanqas li l-fond 398, Triq San Tumas, Tarxien huwa r-registered office kemm tas-socjeta’ V. Attard Limited kif ukoll tas-socjeta’ Southplan Real Estate Limited ghalkemm Portelli hija impjegata tas-socjeta’ Southplan Real Estate Limited biss. Ghalhekk il-Qorti trid tara jekk tali notifika lil Kevin Attard ghan-nom tas-socjeta’ V. Attard Limited imhollija ma’ Michelle Portelli hix wahda valida ai fini tal-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ma hemmx dubbju li Kevin Attard kien jokkupa il-kariga ta’ Direttur tas-socjeta’ V. Attard (Works) Limited sa Novembru 2010 kif mistqarr minnu stess fl-affidavit tieghu esebit fl-atti a fol. 72 u ghalhekk li n-notifika li harget f’isem Kevin Attard hi regolari. Issa ghalhekk il-Qorti trid tara jekk in-notifika li saret f’idejn terz fl-ufficcju registrat tal-kumpanija hix valida jew le.

Skond **l-Artikolu 187 (1) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta’ Malta “*In-notifika ssir bil-kunsinna ta’ kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja titħalla f ’idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f ’idejn wieħed fis-servizz ta’ dik il-persuna jew f ’idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem* ***jew*** (sottolinear ta’ din il-Qorti) *fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha*”.

Illi ghalhekk in-notifika hija wahda valida ghaliex thalliet fil-post tax-xoghol minn fejn kienet topera is-socjeta’ V. Attard (Works) Limited. Meta l-avukat difensur tar-rikorrenti gie sabiex jispjega dan l-artikolu donnu ma ghamel l-ebda enfasi fuq il-parti ahharija taghha fis-sens li notifika hija valida jekk tithalla fil-post tax-xoghol ta’ dak li jkun. F’dan il-kaz ,ma hemmx ghalfejn kif donnu spjega l-avukat difensur tar-rikorrenti li din tithalla f’idejn persuna awtorizzata minnha biex tircievi il-posta u dan ghaleix il-ligi tpoggi alternattiva ohra bil-pronom jew fis-sens li jekk in-notifika issir f’idejn persuna li mhix awtorizata minn dik l-persuna li ghandha tircievi l-att, izda issir fil-lok fejn tahdem, allura hija notifika valida.

**Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li mhux ser tesprimi ruhha dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' intimata stante li diga' inghata gudizzju fuqha, qieghda tichad it-talbiet rikorrenti u tilqa' l-eccezzjoni l-ohra tas-socjeta' intimata fis-sens li tiddikjara li n-notifika li saret lis-socjeta' V. Attard (Works) Limited fir-rikors gja deciz numru 187/2010 CSH fl-ismijiet 'MCE Limited vs Kevin Attard pro et noe' hija wahda valida u skond il-ligi u konsegwentement qieghda tichad it-talba sabiex ir-rikors 187/2010 CSH jerga' jinstema' mill-gdid.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu kollha mir-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------